Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 305/2003

**Salamander Janitor Services Limited**

**vs**

**Is-socjeta' Nicholsons The Supermaket Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tminn mija u disgha u ghoxrin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu (LM2,829.36,0) rapprezentanti servizzi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha konsistenti f'xoghol ta' tindif, liema somma hija dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghall-fatturi mahruga mis-socjeta'**

**attrici bejn id-disgha (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) sat-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) (skond rendikont hawn anness u mmarkat Dok `A`), liema somma ma thallsitx minkejja li s-socjeta' konvenuta, giet verbalment interpellata sabiex thallas l-imsemmija somma diversi drabi.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali kontra s-socjeta' konvenuta li hi minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-25 ta' Settembru tas-sena 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------